MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1680/2005

**Avviz Numru 1680/05VGD**

Carmen Calafato (Id 623842M).

Vs

Francis Camilleri (Id. 123448M) u martu Antoinette Camilleri (Id. 588451M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih peress illi (i) l-konvenuti jhallsu cens annwu ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attrici, liema cens jaghlaq fit-tnax (12) ta' Lulju u jithallas bil-quddiem ghall-*utile dominju* fuq porzjon art maghrufa

bhala ta' Hattab, sive ta' Fuq il-Wied, b'faccata fuq Triq Gorse f'Birkirkara u fuq liema art il-konvenuti bnew ir-residenza attwali taghhom; (ii) fit-tlettax (13) ta' Lulju, elfejn u erbgha (2004), il-konvenuti iddepositaw fir-registru tal-Qorti (Valletta) is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) permezz tac-cedola numru 1023/04 (kopja annessa u mmarkata Dok. A) a favur ta' l-attrici liema ammont kien dovut lill-istess bhala pagament ta' sentejn cens maghluqa fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u tas-sena elfejn u erbgha (2004) ghall-*utile dominju* fuq l-imsemmija art; (iii) l-attrici ma rrifjutatx l-imsemmi cens u ghalhekk ma kienx hemm raguni biex dan jigi depozitat il-Qorti a spejjes taghha, liema spejjes jammontaw ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Malitn u sebgha u sittin centezmu (Lm21.67c) u li tnaqqset mic-cens depozitata. Ghaldaqstant, l-attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jordna lil konvenuti jhallsu l-imsemmija somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm21.67c) relatati mal-imsemmija cedola ta' depozitu. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li biha eccepew illi c-cedola ta' depozitu pprezentata fit-13 ta' Lulju 2004 hija lecita u skond il-ligi diment illi giet reza necessarja minhabba l-komportament ta' l-attrici. Illi l-konvenuti kienu minkejja bosta sforzi ma rnexxilhomx ihallsu lill-attrici l-ammonti ta' *canone* dovuti ghall-iskadenzi pagabbli fit-12 ta' Lulju 2003 u fit-12 ta' Lulju 2004. Illi qabel dawn is-sentejn kienet l-attrici illi kienet tmur hi stess ghand il-konvenut u tigbor il-canone. Gie zmien meta l-attrici saret kompletament u assoluatament irreperibbli, u qatt ma wiegbet jew fethet il-bieb minkejja li l-konvenut mar bosta drabi ghandha biex ihallas. Illi l-attrici kienet ukoll qalet permezz tat-telefon lill-konvenut illi c-cens kienet ser tmur ghalih hi stess ghand il-konvenuti, pero baqghet ma tfaccatx ghal sentejn. Illi darba l-attrici iltaqghet ma iben il-konveuti li jpoggi l-Monti u li indikalha l-posta tal-konvenut fil-Monti stess fejn qallha li missieru kien qieghed hemm lest bil-flus tac-cens, u hi irrifjutat li tmur tigbor ic-cens minghandu u bdiet tghajjat u tghid kliem ingurjuz dwar il-konvenut. Illi l-konvenuti kienu wkoll

baghtulha ittra registrata tramite l-avukat taghhom biex hi taccetta l-hlas, pero hija qatt ma fethet ghal tal-posta. Ghalhekk il-konvenuti kulma ghamlu kien illli ottemperaw ruhhom ma l-obbligi taghhom ta' utilisti versu l-attrici, anki in vista ta' dak li jikkontempla l-artikolu 1517 tal-Kap XVI, u m'ghandhomx jigu penalizzati ghax ottemperaw ruhhom mal-ligi, izda hija l-attrici li ghandha tbaghti l-konsegwenzi tal-intransigenza, in-negligenza u l-irreperibilita' taghha. Ghalhekk it-talba attrici hija infondata u jehtieg illi tincahad, bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra l-affidavit ta' Kevin Camilleri.

Ra x-xhieda ta' l-attrici Carmen Calafato.

Ra x-xhieda tal-konvenut Francis Camilleri.

Ra l-affidavit ta' Jesmond Compagno.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attrici qed titlob il-hlas tal-ispejjes li tnaqqsu mill-ammont ta' cens depozitat fir-Registru tal-Qorti, wara li l-konvenuti ghogobhom jiddepozitaw l-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) ta' sentejn cens, u cioe zewg skadenzi ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) il-wahda, li ghalqu fit-12 ta' Lulju 2003 u fit-12 ta' Lulju 2004 rispettivament.

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq il-fatt li hija fl-ebda mument ma rrifjutat il-hlas tac-cens minghand il-konvenuti, u ghalhekk huma ma kellhom l-ebda raguni valida biex jiddepozitaw tali cens, u jekk ghazlu li jaghmlu hekk, hija ma ghandhiex tbaghti l-ispejjes ta' tali depozitu.

Il-konvenuti minn-naha taghhom jikkontendu illi huma bilfors kellhom jiddepozitaw ic-cens dovut lill-attrici peress illi ma setghux isibuha biex ihallsuha u peress illi l-attrici

ma kenitx qed taghmilha possibbli ghalihom li jhallsuha, u dana kif gie spjegat b'mod dettaljat fir-risposta taghhom.

Illi l-attrici xehedet illi hija kienet ilha tircevi c-cens minghand il-konvenuti sa mill-1978, u li mill-1978 sal-2003 hija qatt ma kellha xi problemi da parti tal-konvenuti rigward tali hlas. Hija spjegat illi kienet dejjem tmur hi ghand il-konvenut, li kellu posta fuq il-Monti, sabiex tigbor dan ic-cens izda fil-2003 kienet tablet lill-konvenut sabiex minnflok tmur tigbor il-hlas mill-Monti tal-Belt fejn kien jahdem il-konvenut, imur hu ghandha biex ihallasha u dana peress li kienet bdiet tibza tigbor il-hlas minn hemm ghaliex skond hi kien ikun hemm hafna serq fuq il-Monti. Skond l-attrici, l-konvenut irrifjuta li jaghmel dan u wara li ghamlet xi zmien tistenna li jigi jhallasha kienet cemplitlu u kienet anki tkellmet ma iben il-konvenuti meta marret fuq il-Monti fejn hu ukoll ghandu l-posta tieghu.

Il-konvenut Francis Camilleri minn-naha tieghu spjega illi huwa kien ilu zmien twil ihallas ic-cens lill-attrici li kienet tmur fuq il-post tax-xoghol tieghu (il-Monti tal-Belt) sabiex tigbor tali cens. Gara li fil-2003 l-attrici ma kenitx marret tigbor ic-cens minghandu, u ghalhekk huwa kien ottjena l-indirizz tar-residenza taghha u kien mar diversi drabi hemmhekk sabiex ihallasha, izda hadd qatt ma fetahlu l-bieb. Huwa jikkonferma li f'xi zmien fil-2003 kien irceva telefonata minghand l-attrici li kienet qed tilmenta li ma kenitx irceviet il-hlas tac-cens minghandu. Skond il-konvenut il-partijiet kienu ftehmu li l-attrici kellha tmur fuq il-posta tieghu il-Monti u hemmhekk kellu jsir il-hlas. L-attrici pero baqghet ma marritx ghandu u minnflok tkellmet mat-tifel tieghu li wkoll kien qed jahdem fuq il-Monti.

Il-konvenut spjega li wara din l-okkazjoni ma sar l-ebda kuntatt mal-attrici u mbaghad lahaq wasal iz-zmien ghall-hlas tac-cens ghas-sena 2004. Peress illi huwa kompla ma kellux kuntatt mal-attrici kien mar ghand l-avukat tieghu u baghat ittra registrata lill-attrici datata 23 ta' Gunju 2004. Jidher pero li din l-ittra qatt ma kienet waslet ghand l-attrici alavolja tal-posta kienu ppruvaw jikkonsenjaw l-ittra diversi drabi. Bhala rizultat ta' dan il-konvenuti kienu iddepozitaw ic-cens kemm tas-sena 2003

kif ukoll tal-2004 permezz ta' cedola bin-numru 1023/04 li gietipprezentata fit-13 ta' Lulju 2004.

Illi mill-provi kollha migbura, jirrizulta li effettivament fl-ebda hin u mument ma kien hemm xi rifjut da parti tal-attrici li taccetta c-cens minghand il-konvenuti.  It-Tribunal josserva li l-attrici kienet daqsxejn intranzigenti fl-okkazjoni meta marret fuq il-Monti u tkellmet mat-tifel tal-konvenut, ghaliex setghet marret ghand il-konvenut minnflok, u forsi l-affari kienet tieqaf hemm.  Madankollu, l-attrici kellha kull dritt li titlob li ma tmurx tigbor ic-cens fuq il-post tax-xoghol tal-konvenut jekk kellha xi biza li hemmhekk setghu jisirquha.

Iz-zewg verzjonijiet tal-fatti kif graw, (u cioe dik tal-attrici u dak tal-konvenut), u s-sekwenza taghhom huma konfliggenti, izda t-tnejn li huma ghal xi raguni jew ohra ghandhom elementi ta' konfuzjoni.  Madankollu xorta wahda ma jidhirx li kien hemm xi rifjut da parti tal-attrici li taccetta l-hlas minghand il-konvenut, kif titlob il-ligi.  Anzi jidher li l-attrici kienet herqana li tigbor ic-cens li kien dovut lilha, tant hu hekk li kienet urtata meta ma rcevietx il-hlas.

Skond il-konvenut, huwa kien mar jipprova jfittex lill-attrici biss fis-sena 2003, u kull darba ma kienx isibha d-dar taghha.  Huwa ma kienx bghatilha ittra u lanqas ma kien baghtilha l-hlas fis-sena 2003.  Mbaghad fis-sena 2004, huwa xehed li qatt ma pprova jfittex lill-attrici izda fit-23 ta' Gunju 2004, huwa kien baghat ittra registrata lill-attrici, liema ittra ma kenitx waslet ghandha alavolja tal-posta kien mar diversi drabi biex jipprova jikkonsenjalha l-ittra.

Illi l-skadenzi ghall-pagament tac-cens kienu jaghlqu fit-12 ta' Lulju 2003 u fit-12 ta' Lulju 2004.  Ta' min jinnota li c-cedola ta' depozitu hija datata 13 ta' Lulju 2004 u allura din saret ezattament gurnata wara l-iskadenza tas-sena 2004.

Ghalhekk minn dan kollu jidher illi mhux biss ma kienx hemm xi rifjut da parti tal-attrici ghall-hlas, izda di piu, l-konvenut ghaggel wisq meta ddepozita l-hlas fil-Qorti ghaliex gurnata wahda biss kien hemm bejn eghluq l-

iskadenza u meta sar tali depozitu, u dan fih innifsu jirrefletti fuq il-fatt li l-konvenut ma kienx bi hsiebu joqoghod ifittex jew jaghmel tentattiv biex joffri l-hlas lill-attrici izda minnflok ghazel it-triq li jaqbad u jehles u jiddepozita l-flus. Ta' din l-ghazla pero, l-attrici m'ghandhiex issofri l-konsegwenzi, u m'ghandhiex tbaghti l-ispejjes hi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallasu lill-attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm21.67c). L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------